MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 1395/1994/2

**Joe Camilleri u Jacqueline Higgins bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' International Trading Compnay Limited**

**vs**

**Godfrey Grima u John Vella bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Associated News (M) Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi nomine ppremettew:-

Illi huma hallsu lill-konvenuti nomine s-somma ta' elf mija u tnejn u tletin lira (Lm1132) permezz ta' diversi akkonti maghmula f'Dicembru 1992 u Jannar 1993, ghal inserzjoni bl-artwork fil-Yellow Pages ippubblikat mill-konvenuti nomine;

Illi l-konvenuti nomine ghamlu inserzjoni irhisa minghajr artwork minflok dik li l-atturi nomine kienu hallsu ghaliha inizjalment;

Illi l-konvenuti nomine qed jirrifjutaw li jirrifondu l-bilanc lill-atturi nomine;

Illi l-konvenuti nomine, interpellati biex jirrifondu l-imsemmi bilanc, irrifjutaw li jaghmlu dan;

Ghalhekk l-atturi nomine talbu li l-konvenuti nomine jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-hlas ta' Lm1132 maghmul mill-atturi nomine lill-konvenuti nomine kien ghal inserzjoni bl-artwork;

2. Tiddikjara li, peress li l-konvenuti nomine ppubblikaw inserzjoni orhos minghajr artwork minflok dik li l-atturi nomine kienu originarjament hallsu ghaliha, l-atturi nomine ghandhom dritt ghal rifuzjoni tal-bilanc;

3. Tillikwida l-prezz li ghandu jithallas ghall-inserzjoni attwalment pubblikata u tistabilixxi l-bilanc li ghandu jithallas lura lill-atturi nomine ghar-ragunijiet fuq imfissra;

4. Tikkundanna lill-konvenuti nomine biex jirrifondu l-ammont li ghandu jigi restitwit lill-atturi nomine kif iffissat minn din il-Qorti;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra privata ta' l-1 ta' Novembru 1993, kontra l-konvenuti nomine li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine fejn gie eccepit :

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u l-ebda ammont mhu dovut peress illi kienu l-atturi nomine li kienu inadempjenti fl-obbligi kontrattwali taghhom;

2. Illi l-ammont imhallas kien wiehed mhux rifondibbli;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Marzu 1999;

Ikkonsidrat :

Is-socjeta attrici tippremetti li, bejn Dicembru 1992 u Jannar 1993, permezz ta' varji pagamenti, b'kollox hallset lis-socjeta konvenuta s-somma ta' elf mija u tnejn u tletin liri maltin (Lm1132) ghal inserzjoni bl-"artwork" fil-Yellow Pages, pubblikati mis-socjeta konvenuta. Minflokk din it-tip ta' inserzjoni, s-socjeta konvenuta dahhlu inserzjoni minghajr artwork u ghalhekk li kienet tiswa ferm anqas minn dak li kien miftiehem. Minhabba f'hekk is-socjeta attrici qed titlob rifuzjoni ta' parti mill-ammonti mhallsa lis-socjeta konvenuta;

Is-socjeta konvenuta qed teccepixxi li l-ebda ammont ma hu dovut lis-socjeta attrici u dana peress li kienet is-socjeta attrici stess li kienet inadempjenti fl-obbligi kontrattwali assunti minnha. Is-socjeta konvenuta qed teccepixxi ukoll li l-ammont imhallas mis-socjeta attrici ma jistax jigi rifuz;

Mill-provi ma jirrizultax dak kollu li gie premess mis-socjeta attrici fic-citazzjoni. Ma jirrizultax li s-socjeta konvenuta inserit fil-pubblikazzjoni in kwestjoni tip ta’ reklam li kien inferjuri fil-kwalita’ minn dak li gie pattwit bejnha u s-socjeta attrici. Li jirrizulta mill-provi hu li s-socjeta attrici kienet ipprenotat reklam fuq in-naha ta’ gewwa tal-qoxra ta' wara tal-pubblikazzjoni "Yellow Pages", li kienet pubblikazzjoni tas-socjeta konvenuta. Kif kien miftiehem is-socjeta attrici hallset ghal dan ir-reklam qabel ma harget il-pubblikazzjoni in kwestjoni. Is-socjeta attrici kellha ukoll terminu li fih kellha tissottometti l-materjal kollu relattiv ghall-imsemmi reklam, inkluz il-"colour seperations". Jirrizulta li s-socjeta attrici naqset li tippresenta dan il-materjal fit-terminu mghoti u ghalhekk ir-reklam tas-socjeta attrici ma deherx fejn kellu jidher u minnfloku deher reklam ta' ditta ohra;

Jirrizulta li s-socjeta attrici kienet inadempjenti fl-obbligi taghha assunti fil-konfront tas-socjeta konvenuta ghar-rigward tat-terminu li fih kellu jigi sottomess il-materjal kollu ghar-reklam in kwestjoni. Is-socjeta attrici naqset li tikkonsenja dan il-materjal fil-hin mghoti lilha. Difatti direttur tas-socjeta attrici jammetti li s-socjeta konvenuta kienet talbithom diversi drabi sabiex jintbaghat dan il-material inkluz l-"artwork" u jammetti ukoll li huma damu xi ftit ma bghatu dan il-materjal. Jammetti ukoll dan id-direttur li kien hemm il-possibilita reali li huma kienu ser ikunu tard ghar-rigward tal-konsenja ta' dan il-materjal lis-socjeta konvenuta. Dan id-direttur jghid ukoll li l-agenzija li kienet qed tiehu hsieb il-produzzjoni tar-reklam diversi drabi ssottomettitilhom abbozz tar-reklam u diversi drabi dawn l-abbozzi kienu gew respinti. F'dawn l-okkazzjoni r-rappresentant tal-imsemmija agenzji kienu jghidu li kien hemm il-possibilita li kienu ser ikunu tard fis-sottomissjoni tal-materjal lis-socjeta konvenuta;

Huwa minnu li jirrizulta li l-gewwa tal-qoxra ta' wara tal-pubbliKazzjoni in kwestjoni kienet giet prenotata mis-socjeta attrici. Huwa minnu ukoll pero' li s-socjeta attrici ma zammitx l-obbligu li kellha li tissottometti l-materjal tar-reklam fil-hin. Jirrizulta ukoll li t-terminu li fih is-socjeta attrici kellha tissottometti dan il-materjal kien gie estiz diversi drabi u meta finalment l-istess materjal wasal ghand is-socjeta konvenuta kien tard wisq peress li kien gia qed issir l-istampar tal-pubblikazzjoni. Is-socjeta konvenuta ghalhekk kienet gustifikata li ma tistampax ir-reklam kif kien gie prenotat mis-socjeta attrici;

Jirrizulta inoltre li minflok ir-reklam tas-socjeta attrici fil-qoxra in kwestjoni deher reklam iehor. Fil-fatt deher l-istess reklam li deher fil-qoxra ta' gewwa ta' quddiem. Jirrizulta li ma sarx hlas ghal dan ir-reklam. Direttur tas-socjeta' konvenuta kkonferma li huma ma kellhom ebda interess li jingib reklam iehor meta r-reklam tas-socjeta attrici kien ga mhallas u l-ispazju kien gia gie riservat. Huwa kkonferma ukoll li kieku l-materjal wasal fil-hin huma certament kienu jistampawh. L-istess direttur ikkonferma li f’dawn ic-cirkostanzi, skond il-kondizzjonijiet mifitehma, is-socjeta konvenuta kellha d-dritt li ma tirrifondix l-ammonti gia mhallas mis-socjeta attrici. La darba l-ispazju kien gie prenotat dan ma setax jigi kancellat u ghalhekk l-ammont imhallas ma kienx rifondibbli. Dan jghamel sens peress li kieku s-socjeta konvenuta kellha l-obbligu tar-rifuzjoni tal-ammonti mhallsin, kienet titlef mill-introjtu taghha u kien ikun tard wisq sabiex jinstab reklam iehor;

Intqal li fir-reklamar mhux normali li reklam jinghata lill xi ditta ohra meta ditta partikolari tkun ipprenotat dak ir-reklam u tkun gia hallset ghalih. Solitament il-pagna tithalla vojta u issir riferenza ghal min hallas il-pagna. Ma jirrizultax li s-socjeta konvenuta kella xi obbligu li tghamel hekk u cioe li thalli l-pagna vojta u tindika li s-socjeta attrici

hallset ghal dak l-ispazju. F'dan ir-rigward id-direttur tas-socjeta konvenuta kkonferma li skond hu kien jidher ikrah f'pubblikazzjoni bhal ma hi dik in kwestjoni li jkun hemm spazju shih vojt jew pagna shiha vojta u di piu' fil-qoxra tal-pubblikazzjoni;

Ghalhekk is-socjeta konvenuta mhux tenuta li tirrifondi l-ammonti imhallsa mis-socjeta attrici jew parti minn dawn l-ammonti;

In vista tal-premess l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta ghandhom jigu akkolti u konsegwentement it-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati;

Ghal dawn il-motivi kollha :

Tiddeciedi billi tilqa l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta u konsegwentement billi tichad it-talbiet kollha attrici;

Spejjez kontra s-socjeta attrici.

--------------------------------TMIEM--------------------------------